KUNSILL LOKALI TA' SANNAT
*Triq Sannat, Ta' Sannat SNT 9020 , Għawdex - Malta*

**Minuti tal-ħmistax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 29 ta' Jannar 2014, fil-5.10 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is-Sur Joseph Bajada |
| | Is-Sinjura Marija Cassar Sultana u |
| | Is-Sinjura Margaret Said |
| Uffiċjali: | |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |
| Ambaxxatriċi: | Is-Sinjorina Ann Marie Gauci |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.10 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw l-Minuti tal-laqgħa ta' qabel u wara li saru l-emendi neċessarji ġew approvati mill-Kunsill.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li xtaq li kull kunsillier jagħmel program tal-attivitajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu. Huwa qal li dan jgħin biex fil-Kunsill ikun hemm aktar ko-ordinament u b'hekk aktar effiċjenza. Il-Kunsilliera s-Sinjura Margaret Said qalet li tissuġġerixxi li darba fix-xahar il-ġita tista' tkun b'xejn billi issa il-Kunsill qiegħed jiffranka l-flus mit-twaqqif tas-servizz taċ-Ċentru ta' matul il-Jum għall-Anzjani f'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Cassar Sultana ssuġġeriet li jsiru xi attivitajiet fis-sajf flimkien ma' Kunsilli Lokali Maltin. Is-Sindku qal li dan diġa kien sar fil-passat iżda kien waqaf minħabba xi diffikultajiet. Il-Kunsill qabel li għandna naraw jekk dan jistax jerġa jibda jsir.

2. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li hemm problema bil-ġbir ta' l-iskart għaliex xi residenti qedgħin joħorgu skart domestiku fi ġranet li dan l-iskart ma jinġabarx u għalhekk hu ssuġġerixxa li ssir tabella ta' informazzjoni bil-malti u bl-ingliż għar-residenti speċjalment għal dawk ir-residenti li ma jkunux dejjem fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel li dawn isiru ħdejn il-bring in sites u fi Triqat fejn hemm kemm residenti barranin u Maltin. Il-Kunsill qabel ma dan.

3. Il-Sindku semma ukoll li hemm xi siġar fi propritajiet privati li għandhom xi friegħi li huma perikolużi għall-pubbliku fi Triq il-Kbira u fi Triq ix-Xewkija. Il-Kunsill qabel li għandhom jintbagħtu ittri lis-sidien biex dawn is-siġar jiġu miżbura mill-aktar fis. Jekk ma jinstabux is-sidien għandhom jiġu nfurmati l-Pulizija sabiex jaraw huma ta' min huma dawn is-siġar perikolużi.

4. Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar it-toqob tal-arbli tal-armar fi Pjazza Santa Margerita. Huwa qal li għandhom bżonn isiru pjanċi tal-ħadid għal dawn it-toqob ta' l-arbli tal-festa għaliex bix-xita ir-ramel qiegħed jitlaq u l-ħofra tikber. Il-Kunsill qabel li għandu iġib il-kwotazzjonijiet biex dan isir.

5. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva xi kwotazzjonijiet għal-*patching* fi Triq Skerla u fi Triq l-10 ta' Ottubru. Dawn kienu ta' €708 u €944 rispettivament. Il-Kunsill aċċetta dawn il-kwotazzjonijiet u qabel li dan ix-xogħol huwa urġenti u għalhekk għandu jsir mill-aktar fis.

6. Is-Sindku nforma lil Kunsill li l-Kunsill irċieva kwotazzjoni mingħand Galea Curmi Engineering fuq il-lamp poles ta' Triq it-28 ta' April 1688 li qed ikunu mitfijha. Din kienet ta €1901. Is-Sindku qal li din ser ikollna nagħmluha aktar tard għax bħalissa l-Kunsill Lokali ma għandnux buġit għaliha.

7. Is-Sindku semma li l-Kunsill għandu jibda jaħseb biex jinbidlu l-arbli tad-dawl fil-*playing field* għax dawn qdiemu u ħafna minnhom ma għadhomx jixgħelu u li waslu għal bdil. Is-Sindku ssuġġerixxa li ghalissa nagħmlu żewġ floodlights biex il-*playing field* ikun aktar imdawwal. Il-Kunsill qabel li għandna nitlobu lill-Kuntrattur tad-dawl sabiex dawn isiru.

8. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-Perit Brian Curmi fuq il-kwistjoni tal-latrina pubbllika ta' Triq Sannat. Il-Perit semma li iridu jsiru *disabled toilets.* Is-Sindku qal li ser jinħarġu żewg kwotazzjonijiet, waħda għal pluming u electricity u oħra għal

materjal u fittings. Għax-xogħolijiet ser nippruvaw nużaw il-ħaddiema tal-Gvern. Il-Kunsill qabel li nimxu hekk.

9. Is-Sindku qara r-rapport tekniku tal-perit li hejja t-tender u li qabbad il-Kunsill dwar l-għamara tal-uffiċju tal-Kunsill, dan kien jgħid li l-offerta kienet waħda raġonevoli u għalhekk il-Kunsill aċċeta r-rakkommandazzjoni tar-rapport li din tiġi aċċettata.

10. Is-Sindku qara l-program finali tal-attivita' tal-Karnival u l-Kunsill aċċeta li dan isir kif hemm fil-program.

11. Is-Sindku semma li għal Jum Sannat għandhom joħorġu applikazzjonijiet għal Ġieh Sannat. Is-Sindku qal li ser jissuġġerixxi li tkun Gala dress code Concert . Dan il-kunċert ser isir il-Gimgħa 25 jew is-Sibt 27 ta' April 2014 u dan ser isir jew fil-palazz ta' Ċenċ jew fil-Knisja. Il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi diskuss aktar fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

12. Is-Sindku semma l-ġebel storiċi li ġew misjuba mis-Sur Wenzu Attard mix-Xewkija u li dawn ser ikun esebiti permanenti f'showcase fl-entratura uffiċċju tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Lil Wenzu Attard ser nibgħatulu ittra ta' ringrazzjament tal-ġest nobbli tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

13. Il-Kunsilliera s-Sinjura Margaret Said qalet li l-ħarġa għal Malta ser issir nhar il-Ħamis 18 ta' Frar 2014 u ssuġeriet li jżuru l-Limestone Heritage Park and Garden, Is-Siġġiewi. Il-Kunsill qabel ma dan.

14. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Website tal-Bidwi Park ser tkun updated ma tal-Kunsill Lokali u l-kuntrattur mhux ser jitlob għal aktar flus biex jagħmel dan. Il-Kunsill qabel ma dan.

## Ilmenti u suġġerimenti

1. Is-Sur George Curmi li joqgħod 84, Triq Ta' Ġokk, Ix-Xewkija qed jitlob biex issir bozza ħdejn ir-Razzett tiegħu. Hu qed jilmenta li jkun hemm dlam kbir u saħansitra anke l-mera li kien hemm mal-arblu diġa nsterqet darbtejn. Il-Kunsill Lokali nnota dan l-ilment.

2. Is-Sur Anthony Sciberras li joqgħod 'Hebron', Triq 28 t'April 1688, Ta' Sannat qed jitlob lill-Kunsill sabiex jieħu ħsieb jiżbor siġra kbira tal-Harrub fil-bidu ta' Triq il-Kalkara tal-Ġir peress li din qed toħroġ ħafna l-barra mit-Triq. Dwar dan l-ilment il-Kunsill Lokali ser jieħu azzjoni.

3. Is-Sur Raymond Camilleri ta' our Nest, Triq il-Pinnur, Ta' Sannat qed jitlob lil Kunsill sabiex jiżbor siġra tat-Tin fil-bidu ta' Triq ix-Xewkija. Dwar dan l-ilment il-Kunsill Lokali ser jieħu azzjoni.

4. Bozza Central maħruqa fi Triq Dun Xand Aquilina bejn ta' Emanuel Cauchi u Carmelo Cassar. Din il-bozza hi antika u ma tistax tiġi rranġata skond l-Kuntrattur għaliex laqas tinfetaħ. Ir-residenti qed jilmentaw dwar id-dlam li hemm f'din il-kantuniera. Il-Kunsill qabel li titwaħħal wall lamp minflokk dik fin-nofs.

**Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali**

| | |
|---|---|
| Memo 33/2013 | Nfiq tal-Kunsill Lokali għas-snin 2010, 2011, 2012 |
| Memo 34/2014 | Sejħiet għall-Offerti/Kuntratti dwar Manutenzjoni tad-Dawl fit-Toroq |
| Memo 1/2014 | Għeluq tas-Sena Finanzjarja |
| Memo 2/2014 | Applowdjar ta' Dokumenti fuq is-sit www.lc.gov.mt |
| Memo 3/2014 | Kuntratti u/jew sejħiet ghall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar skart |

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fis-6.55 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 19 ta' Frar 2014 fil-5.00 p.m.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**